# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta’ nhar it-Tnejn 4 ta’ Marzu 2019

**Rikors Numru : 522/2018 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**JC**

**Vs**

**BC**

## Il-Qorti:

Rikors Guramentat ta' JC, datat 26 ta’ Novembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fl-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elf, disa’ mija, u sebgha u tmenin (1987) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi minn dana z-zwieg il-partijiet kellhom wild, bl-isem V li twieldet fis-sitta (6) ta’ Lulju tas-sena elf disgha mija, u disghin (1990) li llum hija maggorenni;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia datat hdax (11) ta’ April tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dok B);*

4. *Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal diversi snin;*

5. *Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;*

6. *Illi m'hemmx manteniment dovut.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u bejn l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti JC** xehdet a fol 17 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-1 t'Awissu 1987 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-11 t'April 2002 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li llum il-gurnata hija maggorenni. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**L-intimat, BC** xehed a fol 14 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A.*** *(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*
>
> ***66B.*** ** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> *(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
>
> *(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
>
> *(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*
>
> *Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat;**

Wara z-zwieg taghhom fl-1 ta' Awwissu 1987 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg a fol 3) l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 11 t'April 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor

Rachel Mallia, debitament awtorizzat mill-Qorti (Vide Dok B a fol 4 et seqq.), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**